# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru 2019**

**Citazzjoni Nru 906/2018 FDP**

**Godwin Gatt**

**Vs**

**Jonathan Calleja**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors maħluf ippresentat mir-rikorrenti fit-12 ta' Settembru 2018 u maħluf mir-rikorrenti stess, fejn talab is-segwenti:

1. *Illi l-konvenut kien daħal fi ftehim ma' l-attur sabiex il-konvenut jippresta servizzi lill-attur konsistenti fit-tqassim u fid-distribuzzjoni ta' prodotti tal-hobż lil diversi stabbilimenti kummerċjali.*

2. *Illi sabiex il-konvenut jippresta tali servizzi lill-attur, l-attur ikkonceda lill-konvenut l-użu tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GGA162 (mija tnejn u sittin).*

3. *Illi skond skrittura privata datata disgha u ghoxrin (29) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), il-ftehim bejn il-kontendenti kien jinvolvi konsiderazzjoni ta' ħamsa u erbghin elf Ewro (45,000), pagabbli mill-konvenut lill-attur, u liema somma kellha tithallas ratealment matul id-durata ta' l-istess ftehim.*

4. *Illi l-ftehim bejn il-konvenut u l-attur gie terminat minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenut, senjatament billi l-konvenut ikkaġuna ħsarat kbar fil-vettura ta' 1-attur fuq imsemmija, kif ukoll billi naqas li jqassam u jiddistribwixxi l-prodotti*

*tal-ħobz ta' l-attur, u naqas ukoll li jħallas lill-attur ammont ta' flus ghall-prodotti tal-hobz.*

5. *Illi fil-fatt permezz ta' skrittura privata datata tletin (30) t'Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015), il-konvenut irrikonoxxa ruħu debitur ta' l-attur fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf seba' mija u tmien Ewro u tnejn u disghin centeżmu (€26,708.92), bl-imghax bil-hamsa fil-mija (5%) u liema dejn kellu jitħallas ratealment kif stipulat fl-iskrittura privata preċitata, u liema ammont kien jirrapprezenta l-valur maqbul tal-prodotti tal-hobż li l-konvenut dawwar ghalih innifsu minghajr il-kunsens ta' l-attur.*

6. *Illi l-konvenut madanakollu baqa' ma hallas xejn minn dan id-dejn.*

7. *Illi l-ħsarat fil-vettura ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni GGA162 (mija tnejnu sittin), kif ukoll il-multi u penali mposti fuq l-istess vettura, u lkoll kaġunati mill-konvenut, jammontaw komplessivament għas-somma ta' tlett elef tlett mija sebgha u disghin Ewro u wiehed u disghin centeżmu (€3,397.91).*

8. *Illi wkoll, sat-terminazzjoni, il-konvenut kien ghad baggħalu jħallas lill-attur is-somma ta' erbat elef seba' mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€4,725), li fuqhom ukoll qed jiddekorri imghax bir-rata tal-hamsa fil-mija (5%)*

9. *Illi l-konvenut naqas li jħallas dan id-dejn kollu, minkejja li gie nterpellat debitament.*

10. *Illi l-attur jiddikjara li jaf bil-fatti kollha suesposti personalment.*

11. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Ghaldaqstant l-attur, ghar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, previa dawk id-dikjarazzjonijiet u 1-provvedimenti kollha li jkunu jidhrulha xierqa u opportuni, joghgobha:*

(i) *tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fl-ammont komplessiv ta' wiehed u tletin elf erba' mija tlieta u tletin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€ 31,433.92 ) , bl-imghax dekorribbli bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena mit-tletin (30) t'Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) sal-jum tal-ħlas effettiv*

(ii) *tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa wkoll debitur ta' l-attur fl-ammont ta' tlett elef tlett mija sebgha u disghin Ewro u wiehed u disghin centeżmu (€ 3,397.91) , bl-imghax dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-tletin (30) t'Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) sal-jum tal-ħlas effettiv;*

(iii) *tikkundanna għalhekk lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' erbgha u tletin elf tmien mija wiehed u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€34,831.83), bl-imgħax applikabbli skond it-talbiet preċedenti.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, kontra l-konvenut, li huwa nġunt minn issa in subizzjoni*

Rat illi fl-24 ta’ Settembru 2018 il-Qorti, diversament ippresjeduta, appuntat il-kaz ghas-smiegh ghal-20 ta’ Novembru 2018.

Rat illi fil-11 ta’ Jannar 2019, l-intimat Jonathan Calleja ippresenta nota illi biex ammetta t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

Rat illi, fuq ammissjoni tal-intimat, il-Qorti tista’ tipproċedi ghas-sentenza.

## Decizjoni finali

Il-Qorti,

Wara illi rat l-amissjoni ta’ l-konvenut, taqta’ u tiddeċiedi dina l-vertenza billi:

(i) **Tiddikjara** lill-konvenut Jonathan Calleja debitur ta' l-attur Godwin Gatt fl-ammont komplessiv ta' erbgħa u tletin elf, tmien mija wiehed u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€34,831.83).

(ii) **Tikkundanna** lill-istess konvenut Jonathan Calleja iħallas lil-attur Godwin Gatt is-somma komplessiva ta’ erbgħa u tletin elf tmien mija wiehed u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€34,831.83) bl-imghax dekorribbli bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) fis-sena mit-tletin (30) t'Awwissu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) sal-jum tal-ħlas effettiv

L-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, huma a kariku tal-konvenut.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**